MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Numru 426/2001

**Artikoli 338(dd) 339(ee), 339(c), 221(1), 338(bb), 339(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Walter Spiteri**
**V**

**LEONARD SACCO**
**SAVIOUR SACCO**
**JOHN MARY SACCO**

**Seduta tal-llum, 25 ta' Novembru, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **LEONARD SACCO** bin Saviour u Josephine nee Spiteri, imwieled l-Qrendi u joqghod 73, Triq il-Feneci, Qrendi, detentur tal-karta tal-identita numru

892947M, **SAVIOUR SACCO** bin Leonard u Josephine nee Grech, imwieled Pieta u joqghod 'Kyalami', Triq t-Tempesta, Qrendi, detentur tal-karta tal-identita numru 307169M u **JOHN MARY SACCO**, bin Leonard u Josephine nee Grech, imwieled Pieta u joqghod 74, Triq il-Feneci, Qrendi, detentur tal-karta tal-identita numru 410772M gew imressqa quddiemha akkuzati talli fil-wiehed u ghoxrin ta' Marzu, 2001 ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar waqt li kienu fi Triq il-Pirinej l-Qrendi u fl-inhawi ta' madwarha;

1. Kisru l-bon ordni w l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

2. Talli ngurjaw u heddew lil Eman Vella u lil ichael Vella;

3. alli bi hsara tas-sid jew tad-detentur ghamlu vjolazzjoni kontra l-proprjeta ta' Loreto Muscat;

4. Talli hebbew ghal persuni ta' Eman Vella u Michael Vella b'armi rregolari u cioe kanen, injam u mingel u kkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Eman Vella skond ma ccertifika Doctor Malcolm Borg tal-isptar San Luqa u feriti ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Eman Vella;

5. Talli qalu kliem oxxen jew indicenti fil-pubbliku; u

6. Talli bi hsieb li jwettqu reat, garrew fuqhom jew kellhom fil-pussess taghhom armi rregolari u cioe kanen, injam u mingel.

Rat illi l-imputati ma tawx il-kunsens taghhom fl-esami li sarilhom seduta stante nhar il-hamsa w ghoxrin ta’ Novembru, 2002 sabiex dawn il-proceduri jinstemghu b’mod sommarju.

Rat illi t-terminu previst ta’ hamest ijiem skond ir-rinviju tal-Avukat Generali tad-dsatax ta’ Novembru, 2002 a bazi tal-artikolu 432 (2) tal-Kap 9 kien jiskadi propju fil-hamsa w ghoxrin ta’ Novembru, 2002.

Rat illi l-imputati ma ezentawx lill-Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq ix-xhieda li kienu diga xhedu qabel mal-atti gew rinvjati lilha skond ir-rinviju fuq imsemmi.

Rat illi fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin ta’ Novembru, 2002 il-Prosekuzzjoni ma kelliex xhieda jew riferti tax-xhieda taghha u ghaldqstant il-Qorti ma kelliex bizejjed ragunijiet biex tqieghed lill-imputati taht att ta’ akkuza ai termini tal-artikolu 401 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u **ghaldaqstant il-Qorti tordna l-liberazzjoni taghhom.**

**Consuelo Scerri Herrera**
**Magistrat**